MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Numru 1208/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Allan Pace**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Allan Pace, iben George u Mary nee` Cefai, imwieled Pieta` nhar it-2 ta' Marzu 1988, residenti gewwa garage nru 21A, Triq Moroni, Gzira u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 120488(M):

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Dicembru 2013, f'xi hin bejn it-tlieta u l-erbgha ta' wara nofsinhar minn gewwa vettura tal-ghamla Nissan, numru ta' registrazzjoni HQZ 343, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` *handbag* b'diversi oggetti fih, ghad-detriment ta' Emma Johanna Katarina Bengtsson Aastroem u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta nhar it-8 ta' Novembru 2011, kien instab hati mill-Qrati ta' Malta u gie kkundannat ghall-liberta` bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qieset min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll illi fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2014, huwa ghadda s-somma ta’ hames mija u ghoxrin Euro (€520), rapprezentanti nofs il-valur tal-oggetti misruqa, lill-Prosekuzzjoni.[1]

Qieset ukoll il-kontenut tal-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* u r-rakkomandazzjonijiet taghha[2]. Skond l-istess rapport, it-trobbija tal-imputat kienet pjuttost difficli u l-imputat qabad hajja ta’ kriminalita` sakemm qatta’ xi zmien jghix gewwa Dar Patri Leopoldo, il-Gzira, fuq ordni tal-Qorti. Skond l-Ufficjal tal-*Probation,* l-imputat jigi facilment influwenzat min-nies ta’ madwaru u ghalhekk fil-perjodu li fih kien jghix il-Belt, huwa kien jidhol f’hafna problemi. Fiz-zmien li fih ghamel fl-imsemmija dar, madankollu, jidher li huwa biddel ir-rotta, qata’ l-kumpanija hazina li kien jaghmilha maghha, beda jahdem u nghata l-ghajnuna sabiex jibda jghix hajja indipendenti. L-Ufficjal tal-*Probation* indikat ukoll illi mis-sena 2008 sa Dicembru 2013, id-data tar-reat odjern, ma jirrizultax illi l-imputat wettaq reati ohrajn. Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi, l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputat jinghata Ordni ta’ *Probation* u Servizz ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex fil-waqt li jkompli jinghata l-gwida necessarja, huwa jaghti wkoll kumpens lis-socjeta`.

[1] A fol.
[2] A fol. 52 *et seq* tal-process.

Il-Qorti ma taqbilx mar-rakkomandazzjonijiet maghmula lilha mill-Ufficjal tal-*Probation.* Ghalkemm huwa minnu li ma jirrizultax li l-imputat ikkommetta izjed reati, ghajr ghal dan ir-reat, mis-sena 2008 'il quddiem, biss dan ma jistax jitqies bhala xi forma ta' attenwant jew xi skuzanti ghar-reat odjern. Minn harsa lejn il-fedina penali tal-imputat, jirrizulta illi huwa nstab hati ta' serq semplici jew aggravat, f'sitt okkazzjonijiet, dwar liema huwa nghata Ordni ta' *Probation* (fi tlett okkazzjonijiet), liberazzjoni kundizzjonata (f'okkazzjoni wahda) u liberazzjoni minghajr kundizzjoni (f'okkazzjoni ohra), kif ukoll sentenza ta' prigunerija sospiza flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni. Dan apparti illi f'zewg okkazzjonijiet ohrajn instab hati ta' ksur tal-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar liema huwa nghata sentenza ta' prigunerija sospiza u multa, f'kaz minnhom u piena ta' multa, f'kaz iehor. Huwa evidenti ghalhekk illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u ghalkemm jidher li kien qabad ir-rotta t-tajba, rega' ghazel li jxellef difrejgh mal-gustizzja ghal darb'ohra u in oltre ghamel dan waqt il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 2011. Din il-Qorti jidhrilha illi l-imputat diga` nghata diversi opportunijiet u ma tara l-ebda raguni ghaliex l-imputat ghandu jerga' ghal darb'ohra jinghata Ordni ta' *Probation*, kif suggerit mill-Ufficjal tal-*Probation.* Jehtieg illi l-imputat jifhem illi fil-waqt illi l-Qrati qatt ma qghadu lura milli joffru l-ghajnuna opportuna, kif ghamlu b'mod ampju anke fil-konfront tieghu, l-azzjonijiet kriminali tieghu huma serji, jaghmlu hsara lis-socjeta` in generali apparti lill-vittmi specifici u li huwa ghandu jpatti ghal ghemilu. Naturalment, il-Qorti fil-kalibrar tal-piena, qed tiehu qies tac-cirkostanzi msemmija izjed 'il fuq, ossia l-ammissjoni bikrija tieghu u r-radd lura ta' nofs il-valur tar-*res furtiva* u ghaldaqstant qeghda tapplika piena ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha skond il-ligi.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, fil-waqt illi fuq ammissjoni, l-imputat qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota madankollu illi s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2011, baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ma tistax titratta mal-imputat fir-rigward tar-reati li huwa kien instab hati taghhom permezz ta' dik is-sentenza, a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-unika hjiel li jista' jkollha dwar f'hiex

kienu jikkonsistu dawn ir-reati huwa biss minn dak li jirrizulta mill-fedina penali tal-istess imputat. Biss il-Qorti qeghda tiehu qies ta’ dan il-ksur ghal fini tal-piena imposta fuq l-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c) u (g), 267, 271, 280(1) u 289 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta’ **hdax-il xahar prigunerija effettiva**.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, fil-waqt illi l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta’ din l-imputazzjoni, ossia talli kiser il-liberazzjoni kundizzjonata mposta fuqu permezz tas-sentenza tat-8 ta’ Novembru 2011, ghar-ragunijiet indikati izjed ‘il fuq, m’hijiex qed titratta mieghu dwar ir-reati mertu tal-istess sentenza.

Tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------